# L-Għaqda Każin Banda San Filep,

## *Illum u fl-Istorja*



Din l-għaqda mużikali li tħaddan fiha l-ikbar numru ta’ membri u bandisti tesserati f’Ħaż-Żebbuġ, żviluppat f’għaqda b’firxa kbira ta’ ħidmiet b’risq il-festa ta’ San Filep u l-kultura fost iż-Żebbuġin.

Fiha għandek issib imseħbin għadd kbir ta’ żgħażagħ mifruxa f’diversi oqsma ta’ ħidmiet estensivi li l-Għaqda Każin Banda San Filep toħloq matul is-sena kollha permezz tal-kummissjonijiet li imbagħad jappoġġjaw il-ħidmiet tat-taqsimiet tagħha.

Min-naħa l-oħra l-istorja glorjuża ta’ din l-għaqda hija għażiża ferm għall-membri tagħha. Hija għażiża ħafna aktar għal dawk l-eks-membri tal-kumitati u l-bandisti li żergħu, xettlu u kabbru din ix-Xirka Mużikali li baqgħet ġejja kontinwament saż-żmien tal-lum. Bil-ħidma kontinwa tagħhom dawn il-membri sawru l-festa ta’ San Filep bħala waħda mill-aqwa f’kull qasam – banda, nar u armar. Xtraw id-dar tal-każin fi żmien diffiċli ħafna meta l-gwerra kienet imdendla fuq rashom. Maż-żmien din id-dar ġiet imkabbra u msebbħa biex saret ċirklu mill-ikbar u mill-isbaħ li nsibu fost il-każini tal-baned f’Malta. Aktar minn hekk huma għenu biex isem Ħaż-Żebbuġ u dak ta’ San Filep saru sinonimi.

Dan seta’ wassal sabiex ħaddieħor ma jarax lil dis-soċjetà mużikali b’lenti sabiħa. Dan qiegħed jikkawża li jinħolqu ntoppi, jitqajjem diżgwid bejn l-għaqdiet mużikali eżistenti f’Ħaż-Żebbuġ. Huwa f’dan il-kuntest li rridu naraw x’inhu jiġri meta hemm soċjetà ta’ banda oħra Żebbuġija li meta toqrob biex tiċċelebra l-festa tagħha tara x’se tivvinta biex toħloq id-dubji fuq il-bidu tal-eżistenza tal-Għaqda Każin Banda San Filep sa mill-1851. Minħabba f’hekk il-membri tal-Għaqda Każin Banda San Filep ħeġġew lill-kumitat biex ma jibqax sieket u jħalli kollox għaddej meta fil-ktieb tal-festa ta’ San Ġużepp ċerti kittieba qed jagħmlu attentat wara l-ieħor sabiex inaqqsu l-ġieħ tal-Banda San Filep bħala l-aktar soċjetà mużikali anzjana f’Malta kif hija magħrufa tradizzjonalment u kif juru l-provi li din is-soċjetà tippossjedi[1].

Dawn il-kittieba tal-ktieb tal-festa ta’ San Ġużepp għax daħlu fi sqaq li ma jinfidx u biex joħorġu minnu iridu jerġgħu lura, kull sena qegħdin jinfexxu f’tagħwiġ ta’ fatti, nofs veritajiet, u f’ċerti każi jinjuraw dokumentazzjoni dwar il-ġrajja tal-Għaqda Każin Banda San Filep, kif sejrin naraw f’din il-kitba. B’kitbiethom, il-verità tal-ġrajja tagħhom mhix toħroġ, għax qed jibbażaw li jiktbu fuq il-passjoni tal-partit tagħhom bla ma jindunaw li dak li jgħidu mhux ippruvat. Ma jaslux jaċċettaw dak li fil-ġrajja ta’ ħaddieħor hu dokumentat sa mill-jum li beda jitwettaq.

## Is-Snin bejn l-1870 u l-1880

Is-snin tas-sebgħinijiet huma karatterizzati mill-kwistjonijiet li kienu jinqalgħu dwar l-orkestra tal-mużika sagra ġol-knisja fil-festa ta’ San Filep. F’dawk iż-żminijiet fost id-diriġenti tal-*Banda di San Filippo* nsibu lil Antonio Pisani, Giacchino Mallia, Gaetano

Attard, Mikielanġelo Debono u Gavino Naudi li kien fl-ewwel snin tiegħu bħala president.

Bħalma kien qed jiġri f'postijiet oħra, il-polemika dwar l-orkestra kienet taħraq speċjalment meta toqrob il-festa ta' San Filep. Il-polemika kienet sħuna wkoll qalb il-membri tas-soċjetà tal-*Banda di San Filippo* u kien jiġri li d-diskors u l-kitbiet tal-ammiraturi taż-żewġ orkestri rivali ġieli kien jaqbeż il-limitu ta' dak li jkun aċċettabbli.

Fl-1875 il-Corriere Mercantile Maltese[2] kien appella lill-poplu Malti biex jieqaf minn dawn il-piki bla sens, mill-insulti u t-tgħajjir li kien qiegħed isir fuq din il-kwistjoni bejn il-partiti tal-mużika sagra fil-knejjes. Fost il-membri u l-bandisti tal-*Banda di San Filippo* nafu li dawk li kienu favur l-orkestra ta' Nani waslu sseparaw ruħhom mill-każin meta ttieħdet id-deċiżjoni li l-orkestra ta' Bugeja ddoqq f'San Filep. Huma bdew jinġabru f'dar privata sakemm sabu dar u organizzaw ruħhom bħala Casino de Rohan, li ma kellux banda.

Fil-15 ta' Marzu 1875, il-Papa ħatar lil Monsinjur Carmelo Scicluna bħala Isqof ta' Malta[3]. Matul l-episkopat ta' Mons. Scicluna nqalgħu kwistjonijiet bejn il-kurja veskovili u l-każini tal-baned. L-isqof deherlu li peress li l-baned kienu qed jiġbru ħafna nies magħhom fil-ħin li l-baned kienu jkunu jakkumpanjaw il-purċissjonijiet bid-daqq tagħhom, id-devozzjoni ta' dawn il-purċissjonijiet kienet qed titħarbat għalkollox. Huwa ried li dawn is-servizzi mużikali fil-purċissjonijiet tal-festi jieqfu u l-baned ikomplu jdoqqu fuq il-planċiera tagħhom. Minkejja li appella kemm-il darba lill-baned biex jirtiraw mill-purċissjonijiet, ma wasal imkien. Indaħlu l-awtoritajiet ċivili Ingliżi li biex jintgħoġbu mal-awtoritajiet tal-knisja, bdew jinfurzaw ix-xewqa tal-Isqof. Jista' jkun li ħasbu li kien il-waqt għal deċiżjoni bħal din fi żmien meta l-poplu kien mehdi bil-kwistjoni tal-mużika sagra u b'hekk ma kienx jagħti wisq kas ta' dawn ir-restrizzjonijiet fuq il-baned Maltin.

Iżda ġara bil-kontra. Qam ħafna nkwiet kull fejn bdew jiġu nfurzati dawn l-ordnijiet. Purċissjonijiet wieqfa, statwi jitniżżlu fl-art, baned mbuttati mill-folla għal ġol-purċissjonijiet, … u l-pulizija bilkemm setgħu jsibu rkaptu. Minħabba f'hekk, meta F'Ħaż-Żebbuġ bdiet toqrob il-festa ta' San Filep tas-sena 1880, is-Sindku Dr Giuseppe Falzon ħaseb li jkun aħjar li jilqa' minn qabel. Għalhekk mar għand is-Supretendent u talbu li jsir forma ta' arranġament b'eċċezzjoni għar-regoli biex nhar il-festa ta' San Filep, il-Banda Musicale di San Filippo tkun tista' tagħmel marċ mat-toroq ta' Ħaż-Żebbuġ u b'kumpens il-banda tintrabat li waqt il-purċissjoni tkompli ddoqq imma minn fuq il-palk. Id-diriġenti tal-banda kkoperaw mas-Sindku u l-ftehim intlaħaq. Ġara li qrib il-festa nħatar Supretendent ġdid. *Dan inforza l-ordijiet maħruġa mill-Gvernatur bl-aktar mod imprudenti waqt li kienet ħierġa l-istatwa mill-knisja.* Lejlet il-festa kien waqqaf milli jsiru l-marċijiet fir-raħal. Iż-Żebbuġin ma kinux qed jistennew dan għax din l-azzjoni ma kinitx kontemplata fil-ftehim. L-aġir tas-Supretendent il-ġdid irrabja lill-poplu. Din ir-rabja ssarrfet fi protesta nhar il-festa meta raw li fil-ħruġ tal-purċissjoni l-banda ma setgħetx takkumpanja l-istatwa kif kienet tagħmel fis-snin ta' qabel. Fil-misraħ qam pandemonju sħiħ. Il-poplu tilef rasu u ħabta u sabta għamel rambaċċ għal fuq il-palk tal-banda u tajjar kullma kien hemm, leġiji, siġġijiet, libretti, … u l-banda sfrattat, bil-bandisti jdabbru rashom mir-rabja tal-folla. Kienet weħlet magħhom il-banda minħabba l-ftehim li kienet laħqet mas-Sindku. Anke l-istess Sindku li dak il-ħin kien f'nofs il-misraħ ma kienx jeħlisha mill-qilla tan-nies li kieku mhux għax sab wieħed li għenu jdabbar rasu fil-*Casino Rohan*. Sab refuġju f'dak il-każin għax hemmhekk il-partitarji tal-*Filarmonica San Filippo* ma kienux jazzardaw jidħlu għalih minħabba r-rivalità kbira li kellhom bejniethom[4].

Wara din ir-rewwixta tal-1880 il-*Casino Rohan* refa' xi ftit rasu. Il-mexxejja tiegħu

Messaġġi | Mill-Każin | Festa 2013 | Storja tal-Għaqda | San Filep | Melitensia | Profili | Tifkiriet | Djarju

bdew jiġbdu n-nies lejn dan il-każin, bidlu l-isem tiegħu għal *Casino San Filippo* u waqqfu banda bl-isem *Filarmonica del Zebbug*. Meta s-sena ta' wara, fl-1881 bdiet toħroġ il-*Guida Generale*, il-mexxejja ta' din il-banda ġdida ħadu ħsieb jinfurmaw lill-pubblikatur biex jidher isem din is-soċjetà li deher hekk: "*Filarmonica del Zebbug – Casino San Filippo*"[5]. Hawn jidħol fix-xena Mikielanġ Debono. Meta fis-sena 1879 Mro. Giuseppe Borg kien spiċċa minn Surmast direttur tal-*Banda di San Filippo*, M.A. Debono ppretenda li jsir hu surmast. Iżda minfloku ntagħżel Giacchino Galea mill-familja tal-ewwel Surmast, familja li kienet għadha soda ħafna fis-soċjetà tal-*Banda Musicale di San Filippo*. M.A. Debono sab ix-xoqqa f'moxtha biċ-ċirkustanzi tal-inċidenti tal-festa tal-1880. Telaq mis-soċjetà tal-*Banda di San Filippo* u mar issieħeb fiċ-*Circolo Rohan* fejn kien milqugħ b'entużjażmu. Fih sabu is-Surmast direttur li kellhom bżonn biex waqqfu l-banda ġdida.

L-inċident tal-festa tal-1880 ma kien pjaċevoli xejn għall-*Filarmonica San Filippo* li għaddiet minn żmien diffiċli. L-aktar għax tilfet għadd ta' membri kif ukoll is-simpatija ta' bosta Żebbuġin. Il-president tagħha, in-negozjant Carmelo Zammit għamel ħiltu biex jerġa' jġib l-għaqda u l-armonija fost il-membri u l-bandisti tas-soċjetà tiegħu. Il-banda kompliet tagħmel il-kunċerti tagħha fid-dar tiegħu f'numru 3 Triq Manoel, bħalma kienet tagħmel qabel. Bil-ħidma kbira tiegħu irnexxielu jwarrab id-dell ikraħ li kien waqa' fuq din is-soċjetà.

## Is-Snin bejn l-1880 u l-1890

Bil-ħidma tal-president tagħha Gavino Naudi, il-*Filarmonica San Filippo* għamlet riforma sħiħa interna. L-isem tal-għaqda beda jidher bħala "*Filarmonica San Filippo – Casino Indipendente*". Dan biex juri li t-tmexxija kienet issa mifruxa fuq żewġ kumitati: wieħed imexxi l-każin u ieħor il-banda. It-tnejn li huma kellhom il-president, segretarju u kaxxier ukoll[6]. F'dawn is-snin bejn l-1881 u l-1890 il-*Filarmonica San Filippo* ma tidhirx titħallas għad-daqq tagħha fil-festa ta' San Filep iżda xorta waħda kienet tagħmel parti mill-Kumitat tal-Festa flimkien mal-membri tal-kleru. Barra minhekk is-Soċjetà kienet tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonijiet fil-parroċċa arċipretali. Dan jidher mill-kotba tal-kaxxier tal-Każin San Filep. Kienet il-*Filarmonica San Filippo* li tiftaħ il-festa.

Il-*Filarmonica San Filippo-Casino Indipendente* bidlet id-dar tal-każin tagħha fis-sena 1885 u marret fid-dar li dak iż-żmien kienet iġġib in-numri 273 u 274 fi Strada Reale[7].



In-Nota tgħid hekk:

6 D'Ottobre 1882

Avviso d'importanza

Numero 78

Ai bandisti e soci

*Decido di scrivere per sostenimento di permesso per un programma Musicale della Filarmonica San Filippo avanti la chiesa arcipretale di San Filippo la prima domenica di Dicembre 1882 alle 15.30.*

Attenzione ai bandisti per i concerti susseguenti.

Carm Zammit
Presidente
Per la Filarmonica San Filippo

Avviż tal-1882






Xellug: Bandalora antika li għadha preservata fil-Każin Banda San Filep.

Lemin: Nota li għaddiha persuna lill-arkivista permezz ta' ex-uffiċjal tal-Għaqda Każin Banda San Filep. Il-kitba tgħid hekk: *Ricordio della presentazione alla Filarmonica San Filippo Bandalora St. Philip's Band nell' anno anniversario di venti anni della Statua Artistica d'Argento di S. Filippo in Casal Zebbug.* *10 – V – 1883*

Fid-diskors tiegħu nhar il-11 ta' Mejju 1961 Dr Joseph Borg qal hekk b'riferenza għas-snin 1880-1890: "Il-bandisti ta' dak iż-żmien allura m'għadhomx jeżistu, imma s-Sur Paolo Chircop li kien tifel kantant u jidher fit-tarf tar-ritratt għadu fostna u jiftakar tajjeb l-okkażjoni tar-ritratt, lill-bandisti, lil Gavino Naudi, il-president tal-Casino Indipendente u lil Carmelo Zammit, il-president tal-*Filarmonica San Filippo,* u jgħidilna li l-banda allura kienet fil-furja tagħha. Carmelo Zammit kien jiffinanzja l-banda u jlaqqagħha fid-dar tiegħu għall-kunċerti, qabel ma dik is-soċjetà fl-1890 sabet anki l-għajnuna id f'id tal-*Casino San Filippo*, u din l-Għaqda Kulturali hija llum il-Każin tal-Banda San Filep[8]."

Fuq l-istess perjodu, Calcedonio Mallia bi kliem sempliċi u trankwill għall-aħħar, mingħajr ebda ħjiel ta' xi pika bejn il-każini, kien għadda dan it-tagħrif li ġej lis-Segretarju Carmelo Mifsud fis-16 ta' Mejju 1952: Ġakkinu Mallia, missier Calcedonio, kien wieħed mill-bandisti ewlenin ta' meta twaqqfet il-*Banda di San Filippo* f'Ħaż-Żebbuġ u għal xi snin ħa sehem fit-tmexxija ta' din il-banda. Calcedonio li kien għadu f'saħħtu u jiftakar tajjeb ħafna, ta wkoll lista ta' wħud mill-bandisti[9] li ftakar bihom dak il-ħin. L-inqas ħsieb kellu Calcedonio ta' x'għad jinkiteb sittin sena wara mill-kittieba tal-Banda De Rohan! Dawn huma żbaljati għalkollox mhux biss f'dak li kitbu fuq il-*Filarmonica San Filippo* f' dawn is-snin (1880 – 1893) imma wkoll fir-rigward ta' Mro Filippo Galea u l-familja tiegħu magħrufa bħala Ta' Żangura. Calcedonio Mallia kien jaf lil Filippo Galea u membri oħra tal-familja tiegħu 'in persona', idoqqu flimkien fil-*Banda di San Filippo* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Gioacchino Galea.

Mro. Mikielanġ Debono dam surmast tal-banda *Del Zebbug* sal-1889. F'April ta' dik is-sena din is-soċjetà mużikali nqasmet fi tnejn minħabba kwistjoni interna. Għalkemm kienet materja li tinteressa lil din is-soċjetà biss, fir-raħal tqanqlet kurżità biex wieħed jara kif sejra tispiċċa. Mela x'kien ġara? Trawwmu wħud li riedu li s-soċjetà tagħhom taqta' s-sehem tagħha fil-festa ta' San Filep u minflok jibdew jagħmlu l-festa ta' San Ġużepp. Il-mexxejja ta' din is-soċjetà mużikali riedu jibqgħu jiffesteġġjaw lil San Filep kif kien jindika l-istess isem tas-soċjetà: "*Filarmonica del Zebbug – Casino San Filippo*". Ġie żmien li

dawn xebgħu jilmentaw li dawk li fi ħdan is-soċjetà tagħhom ħolqu partit ta' San Ġużepp kienu qed isibu appoġġ aktar minnhom mill-mexxejja u għalhekk telqu minn dan il-każin u għamlu każin ieħor u saħansitra banda ġdida bi sfida għal sħabhom[10].

Din il-ġrajja kienet daqqa ta' ħarta kbira għal Mro M.A. Debono u f'dik is-sena stess irtira minn surmast direttur. Aktar tard dik is-sena l-banda dehret b'isem ġdid: *Banda De Rohan* u taħt id-direzzjoni ta' Mro Lorenzo Gatt[11]. Jidher li M.A. Debono kien partitarju tal-festa ta' San Filep u ma ried jara xejn jitnaqqas mill-festa titulari ta' Ħaż-Żebbuġ.

Min irid jikteb fuq isem il-Banda San Filep, kif inhi magħrufa llum, irid jibda mill-isem oriġinali tagħha "*Banda di San Filippo*" kif insibuha dokumentata fis-sena 1851 u jibqa' ġej sena wara l-oħra jsegwi l-ħidma mużikali bla heda sas-snin li qed niktbu dwarhom. Il-ħrejjef ta' ħaddieħor ma jgħoddux għall-Banda San Filep. L-istorja għandha tinkiteb fuq fatti veri u mhux kif wieħed jidhirlu biex jogħġob lil ta' madwaru.

Huwa argument zopp għall-aħħar dak li jgħidu esponenti tal-Banda De Rohan li Filippo Galea, Antonio Pisani, Ġakkinu Mallia, Gaetano Attard, Angelo Chircop u oħrajn kienu ndividwi li jgħaqqdu gruppi żgħar ta' bandisti għall-okkażjonijiet tal-festi tagħhom. Insibu dawn l-eżempji:

1879 – tħallas Ġakkinu Mallia għall-banda fil-festa tal-Karità;

1880 - tħallas M.A. Debono għall-banda fl-istess festa tal-Karità[12];

1885 u 1886 - tħallas Angelo Chircop għall-banda fil-festa tal-Karità;

1885 u 1886 - tħallas Ġakkinu Mallia għall-banda fil-festa tal-*Quaranta Ore*;

Fl-1890, Mikielanġ Debono kien spiċċa minn Direttur tal-*Banda del Zebbug* li issa kien sar jisimha De Rohan. Postu kien ħadu Mro. Lorenzo Gatt. Peress li Mikielanġ Debono jidher li tħallas għall-baned fil-festa ta' San Filep, allura wieħed lil min kien qiegħed jirrappreżenta MA. Debono? Forsi lill-Banda San Filep lejlet il-festa jistaqsi jew lill-Banda de Rohan nhar il-festa[13]? Hemm min jgħid li meta spiċċa mill-Banda del Zebbug minħabba l-kwistjoni li nqalgħet fi ħdanha dwar jekk kellhiex tkompli ddoqq fil-festa ta' San Filep, MA. Debono mar lura mal-Banda San Filep.

Dawn l-eżempji juru l-istess ħlasijiet dokumentati bħal dawk li kien jirċievi M.A. Debono bejn l-1881 u l-1889[14]. Għalhekk jiżbalja bil-kbir min jikkonsidra lil dawn il-persunaġġi bħala ndividwi u mhux bħala rappreżentanti tal-*Banda di San Filippo***.** Possibbli l-prokuraturi tal-festi kienu daqshekk moħħhom żgħir li kull sena kienu joqogħdu jagħmlu ftehim bi trattativi ma' individwi differenti u ma jagħmlux ftehim sod ma' soċjetà mużikali li suppost kienu jafu biha? Dawn l-individwi kienu diriġenti tas-soċjetà mużikali *Banda di San Filippo,* mexxejja li isimhom jidher fuq il-lapida tal-presidenti ta' din l-għaqda. Liema lapida flimkien ma' dik tas-surmastrijiet kienu l-ewwel li twaħħlu ġewwa każin tal-banda f'Ħaż-Żebbuġ – dak tal-Banda San Filep. Ħaddieħor ikkopja lil din is-soċjetà f'dak li għamel fis-snin ta' wara.

Fil-11 ta' Marzu 1888 il-*Filarmonica San Filippo* ħadet sehem flimkien ma' għaxar baned oħra f'dimostrazzjoni mill-Furjana sal-Belt Valletta favur il-ħatra tal-kunsilliera ġodda fil-Gvern ta' Malta[15]. Barra minn Ħaż-Żebbuġ, fl-1890 il-*Filarmonica San Filippo* daqqet ukoll fil-festa ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq[16] kif ukoll fil-festa tal-Kunċizzjoni f'Bormla[17].

Fis-sena 1889 l-attenzjoni tas-soċi u l-bandisti tal-*Filarmonica San Filippo* kienet fuq ix-xogħol meħtieġ biex isir palk ġdid għall-banda. Dan il-palk tlesta għall-festa ta' San Filep tal-1891 u kien f'idejn Gaetano Attard[18] li minbarra li kien assistent surmast tal-banda kien ukoll mastrudaxxa prim. Matul il-jum tal-festa tal-1891, Calcedonio Attard tħallas 3 skudi

għal ġurnata xogħol fl-armar tal-palk u żewġt iljieli għassa mal-palk[19]. Dan ix-xogħol tal-palk jagħti prova oħra li mhux veru dak li jgħidu l-kittieba fil-ktieb tal-festa ta' San Ġużepp li l-*Filarmonica Del Zebbug* kienet l-unika banda f'Ħaż-Żebbuġ fis-snin bejn l-1881 u l-1889. Jidher ċar li f'dawn is-snin il-*Filarmonica San Filippo* kienet attiva ħafna, tant li x-xogħol importanti ta' palk ġdid għall-banda kien afdat lilha.

## Is-Snin ta' wara l-1890

Għandu jintqal li mis-sena 1891 sas-sena 1893 il-Banda De Rohan sparixxiet mill-festa ta' San Filep[20]. Ukoll, sal-1891 fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kienet tieħu sehem kull sena l-*Filarmonica San Filippo* biss. F'din il-ħabta b'inizjattiva tal-Parroċċa ta' San Filep, iż-żewġ baned Żebbuġin irnexxielhom jersqu eqreb lejn xulxin. Infatti fl-1892 intlaħaq ftehim biex il-*Filarmonica Rohan* tibda talterna mal-*Filarmonica San Filippo* fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Ittellgħet il-polza[21] biex jintagħżel liema minnhom tibda l-alternanza u x-xorti messet lill-*Filarmonica San Filippo*. Dan il-ftehim tal-alternanza għadu jseħħ sal-lum.

Fis-sena 1894 iż-żewġ baned, il-*Filarmonica San Filippo* u l-*Filarmonica Rohan* tellgħu żewġ programmi mużikali mill-aqwa f'lejlet il-festa. B'rieħet dan it-tqarrib, iż-żewġ baned bdew jistiednu lil xulxin fil-festi rispettivi, jiġifieri l-*Filarmonica San Filippo* bdew jistiednu lill-*Filarmonica Rohan* jipparteċipaw fil-festa ta' San Filep u l-*Filarmonica Rohan* jistiednu lill-*Filarmonica San Filippo* ddoqq fil-festa ta' San Ġużepp. Ittra ffirmata 'Żebbuġi' li dehret fil-gazzetta "Il-Verità" wara l-festa ta' dik is-sena kkummentat hekk: "Fuq il-baned ta' lejlietu nsemmu biss iż-żewġ baned tagħna li għoġobhom jieħdu parti t-tnejn għal famuża festa tat-titular"[22]. Il-kelma 'għoġobhom' turi li ma kienx isir hekk fis-snin ta' qabel. F'ittra oħra ffirmata 'Żebbuġi Indipendenti' li dehret fil-gazzetta "Malta Tagħna" ftit jiem wara qalet fost l-oħrajn: "Il-baned ta' lejliet kienu tnejn tar-raħal, waħda tal-Ġużeppini..."[23].

Joħroġ ċar li l-kwistjoni tal-partit tal-festa sekondarja ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ kienet waħda purament interna ġewwa s-soċjetà *Filarmonica del Zebbug – Casino San Filippo* li wara d-disfatta li rriżultat f'qasma fl-1889 u minflok il-*Filarmonica del Zebbug* tfaċċat il-*Filarmonica Rohan,* din baqgħet magħrufa bħala 'Tal-Ġużeppini'[24].

Fis-sena 1895 ġara l-istess bħas-sena ta' qabel[25]. Iż-żewġ baned Żebbuġin daqqew it-tnejn f'lejlet il-festa ta' San Filep. Imbagħad fis-snin ta' wara, il-*Filarmonica San Filippo* bdiet idoqq fl-aħħar tridu u l-marċ ta' filgħodu waqt li l- *Filarmonica Rohan* lejlet il-festa. Dan l-arranġament li ż-żewġ baned jistiednu lil xulxin idoqqu fil-festi ta' San Filep u ta' San Ġużepp dam sas-sena 1904 meta tal-Banda Rohan iddeċidew li ma jieħdux aktar sehem fil-festa ta' San Filep. Mhux korrett dak li jiktbu ta' San Ġużepp li r-raġuni għal din id-deċiżjoni kienet il-kwistjoni tal-mużika sagra fil-Knisja Parrokkjali fil-festa ta' San Filep[26]. F'dawk iż-żminijiet inbidlu l-maestri di cappella minħabba raġunijiet naturali bħal xjuħija, nuqqas ta' saħħa jew mewt.[27]

Li ġara f'dak iż-żmien kien biss li l-kompożituri mużikali Maltin bdew jiktbu mużika sagra espressiva żżejjed, bħalma kien qed jiġri fil-kumplament tad-dinja. L-Awtoritajiet Ekklesjastiċi raw dan l-iżvilupp bħala deġenerazzjoni li rrenda l-mużika sagra f'waħda profana u allura mhux aktar xierqa għall-kult divin[28]. Minħabba f'hekk il-Papa Piju X fid-dokument li jismu 'Moto Propio' ordna li din il-kwalità ta' mużika ma tibqax tindaqq fil-knejjes[29]. Mro Riccardo Bugeja kien ilu jmexxi l-Cappella ta' Ħaż-Żebbuġ kontinwament mis-sena 1884 u baqa' jagħmel dan sal-1918. Mill-1919 sal-1929 mexxa Mro Giuseppe

Caruana u fis-sena 1930 Mro. Carlo Diacono[30]. Dan kollu seħħ bla ebda skossi ta' xejn. Għalhekk huma biss skużi, il-ħrejjef dawk li jintqalu mill-Każin ta' San Ġużepp, Banda De Rohan biex ma jidhrux koroh fir-rigward li din il-banda telqgħet mill-festa ta' San Filep.

Wara li rrispondejna għad-dubji mqanqla dwar is-snin 1870-1904, ngħaddu biex nitkellmu fuq is-sena 1851 li rat il-bidu uffiċjali tal-Banda di San Filippo u nibqgħu sejrin sas-sena 1870.

## Is-snin tal-Bidu, mill-1851 sal-1870

Wara li l-Banda Mużikali San Filep daqqet nhar San Filep insibuha tissemma b'isimha propju *Banda di San Filippo* għall-ewwel darba fl-1851 fir-reġistru[31] tal-Madonna taħt it-titlu tal-Karità li kienet iċċelebrata f'Ħaż-Żebbuġ. Fil-lista ta' spejjes straordinarji li saru mill-Konfraternità għall-festa sekondarja tal-Madonna tal-Karità jissemma l-ħlas mogħti għas-servizz mużikali li għamlet il-*Banda di San Filippo*.

F'din il-banda sa mill-bidu tat-twaqqif tagħha nħasset il-ħtieġa li tiġi ffurmata soċjetà li tmexxi din il-banda. Kien naturali li jinħass dan għaliex kemm Filippo Galea u kemm missieru Angelo kienu jafu li minn żmien għall-ieħor il-karriera mużikali tagħhom fis-Servizz Militari Ingliż kienet se tbegħedhom minn art twelidhom, ġieli anke għal perjodi twal. Naturalment kienu familjari wkoll ma' bosta arranġamenti fejn grupp żgħir ta' daqqaqa kienu jiġu flimkien biex idoqqu f'xi okkażjoni u wara malajr jisfaxxaw. Dawn l-arranġamenti, filwaqt li jqallgħu xi ftit flus lid-daqqaqa, ma kinux jippermettu li dawn l-istess individwi jitħarrġu fis-sena tal-mużika. Għalhekk għas-surmastrijiet Galea li kienu jafu sewwa xi tfisser banda b'dixxiplina militari, kien ovvju li kien hemm bżonn li jkun hemm organizzazzjoni li tieħu ħsieb din il-banda ġdida anke meta huma jkunu nieqsa. Mastru Indri Borg li kien ikun Ħaż-Żebbuġ idoqq fl-orkestra tal-knisja tħabbeb magħhom, daħal fil-banda u meta nħoloq il-bżonn li jmexxi fin-nuqqas ta' Mro Filippo Galea għamel dan bi





| Sena | Kitba li ssemmi isem il-banda | Ħlas | Dokument |
|---|---|---|---|
| 1851 | *Per supplimento alla Banda di San Filippo* | Sc.2.8.8 | Esito Straordinario – Registro Carità, Parroċċa |
| 1856 | *Filippo Galea: ricevuto dal Sac. Tommaso Debono ...per la Banda di San Filippo* | Sc.40.0 | Esito Venere Lampada –Reġistru tal-Festa ta' San Filep, Parroċċa, Ħaż-Żebbuġ |
| 1857 | *Filippo Galea: ricevuto dal Sac. Tommaso Debono ...per la Banda di San Filippo* | Sc.50.0 | Ibid. |
| | | | |
| 1859 | Rakkolta għal xiri ta' strumenti ġodda għall-Banda di San Filippo | | Arkivju tal-Għaqda Każin Banda San Filep. |
| 1864 | *Alla Soc. Della Banda di San Filippo, in segno di rispetto e di stima per il lavoro fatto dai membri della stessa società durante la raccolta per la Statua Artistica D'argento di San Filippo* | | Ittra mibgħuta mill-Arċipriet Sac. Francesco Borg, fit-3 t'April 1864. |
| 1870 | *Il giuoco d'artificio e la Banda di San Filippo diretta dal Mro Giuseppe Borg nella serata della festa di San Giuseppe e altri due servizzi si fece per contribuzione alla confraternità di San Giuseppe* | | Dokument fl-arkivju tal-Għaqda Każin Banda San Filep li juri li l-Konfraternita ta' San Ġużepp ħallset lill-Banda di San Filippo għal tlett servizzi mużikali, fl-okkażjoni tal-wasla tal-istatwa ġdida ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ. |
| 1883 | Ippreżentata bandalora lill-Filarmonica San Filippo | | Ara n-nota tal-1883, f'paġna 89 |
| 1885 | Il-Filarmonica San Filippo fetħet każin ġdid f'nri 273, 274 Strada Reale, Ħaż-Żebbuġ. | | |
| 1891 | Il-Filarmonica San Filippo daqqet lejlet u nhar il-festa ta' San Filep u magħha daqqew tlett baned oħra kull darba. Is-Sibt daqqew il-baned San Nikola tas-Siġġiewi, San Ġorġ ta' Bormla u Sant Andrija ta' Ħal-Luqa. Il-Ħadd reġgħu daqqew l-ewwel tnejn u minflok ta' Ħal-Luqa daqqet banda Ingliża tal-Wesh Regiment. *(skont ittra ffirmata 'Is-Soċju B.A.B.' li dehret f' "Il-Ħabbar" tal-Ġimgħa 29 ta' Mejju 1891, nru 302, p3)* | | |
| 1894 | Il-Filarmonica San Filippo wettqet 28 servizz mużikali matul il-15 il-xahar ta' qabel April 1894. | | 'Il-Verita' tat-28 t'April 1894 |

pjaċir. Anke l-bandisti tal-*Banda di San Filippo* kienu ferħanin bih. Kiber it-tagħlim tal-mużika u żdiedu l-kunċerti mużikali li din il-banda bdiet tagħmel. Tant il-banda bdiet tikber malajr li nħass il-bżonn li jinxtraw aktar strumenti ġodda.

Fl-10 ta' Frar 1859 nbdiet ġabra biex il-*Banda di San Filippo* tixtri ħmistax-il strument mużikali ġdid biex tlaħħaq maż-żjieda fl-attività tagħha. Teżisti l-lista bl-ismijiet ta' dawk li taw flus għal dan il-għan. Ta' interess partikulari f'din il-lista ta' għotjiet huma ċerti ismijiet bħal Filippo Galea u missieru Angelo, Indri Borg, Gaetano Attard (li ħa ħsieb il-ġbir), Antonio Pisani, Angelo Chircop u oħrajn li kienu parti mis-soċjetà tal-*Banda di San Filippo*. Uħud minn dawn jidhru wkoll f'diversi reġistri tal-parroċċa ta' San Filep jiġbru l-ħlasijiet għas-servizzi mużikali tal-*Banda di San Filippo* f'diversi festi bejn l-1849 u l-1876.

Din is-sena l-istatwa tal-fidda ta' San Filep tagħlaq mija u ħamsin sena mindu waslet Ħaż-Żebbuġ. L-Għaqda Każin Banda San Filep se tikxef irħama mal-faċċata tal-każin li turi l-ittra li fl-1964 l-Arċipriet Francesco Borg bagħat lis-Soċjetà tal-*Banda di San Filippo* b'radd il-ħajr tal-għajnuna biex jinġabru l-flus għall-istatwa. Prova oħra ċara li mhux biss il-*Banda San Filippo* kienet teżisti imma kellha soċjetà organizzata u attiva ħafna u li kienet influwenti fir-raħal.

Imma l-esponenti tal-Każin San Ġużepp jinjoraw dawn il-provi jew jgħidu li ma huma tal-ebda importanza għax skont huma *"Banda di San Filippo"* kif dehret l-ewwel darba fir-reġistru tal-Konfraternità tal-Karità, tfisser "banda ta' nhar San Filep" u li kienet biss banda ta' individwu u mhux ta' soċjetà. L-ittra tal-Arċipriet Borg fl-1964 ma tħalli ebda dubju li l-*Banda San Filippo* mhux biss kienet teżisti imma kellha anke s-soċjetà tagħha. Tista' timmaġina soċjetà tiffunzjona bla ma jkollha isem?

## L-Individwi li tant issemmew

Dawn huma dawk li l-esponenti tal-Każin San Ġużepp irreferew għalihom bosta drabi bħala " li kienu jgħaqqdu baned żgħar, u mhux ta' każini". Għażlu li jħalltuhom mal-gruppi ta' daqqaqa tal-fifra u t-tnabar. Hekk ġew mormija dawn il-mużiċisti ħabrieka li ħadmu bis-sħiħ b'risq il-banda f'Ħaż-Żebbuġ. Anki min hu xettiku fuq il-festi Maltin irraġuna u qal "qatta' ħajtek taħdem għall-festi. Imbagħad jiġu dawn u jaqtgħulek rasek b'għafsa ta' buttuna tal-kompjuter, illum."

Meta nitkellmu fuq dawn il-persuni li fuq kollox kienu wkoll mużiċisti, irridu mmorru fuq l-ewlenin kumitati tal-għaqdiet tal-baned tagħna. Fir-rigward tal-*Banda di San Filippo* rridu naslu almenu sal-1850. Dak iż-żmien il-kumitati kienu jkunu differenti ħafna minn kif nafuhom illum. Id-dar tal-każin kien ukoll id-dar tal-banda u allura l-mexxejja kienu jkunu lkoll bandisti. Kienu jintgħażlu dawk li l-aktar juru li għandhom ħiliet ta' *leadership*. Il-kappillan kien jintgħażel ukoll bħala kappillan tal-banda[32]. Ix-xogħol ta' dawk imsejjħa Presidenti iktar kien jixbaħ lix-xogħol ta' prokuratur tal-lum.



L-ewwel paġni tar-rakkolta tal-1859 biex jinxtraw 15-il strument għall-Banda San Filippo

Fi ħdan il-*Banda di San Filippo* l-aktar li jissemmew għal dak iż-żmien bikri huma Filippo Galea, Michele Borg, Antonio Pisani, Ġakkinu Mallia, Gaetano Attard, Mikielanġ Debono, Anġelo Chircop u l-qatt minsi Carmelo Zammit. X'kien li żamm il-qofol ta' dawn l-individwi-mużiċisti daqshekk magħrufin fil-qasam tal-baned Żebbuġin? Forsi biss għax baqgħu dokumentati fir-reġistri tal-parroċċa ta' San Filep għall-ħlasijiet li ġabru mingħand prokuraturi tal-festi? Jew għax kienu tassew konsistenti tista' tgħid matul ħajjithom kollha

sakemm saħħithom ippermettitilhom; kienu fdati, influwenti fost in-nies tar-raħal, miżmuma b'nies ta' integrità u fuq kollox għax kienu marbutin flimkien f'kumitat ġewwa s-soċjetà tal-*Banda di San Filippo?* Kif nafu dan fuqhom? Per eżempju, fuq Gaetano Attard kiteb Dun Salv Caruana[33], dwar Ġakkinu Mallia qalilna ibnu Calcedonio[34] u fuq Carmelo Zammit, 'In-Naħla Maltija' kitbet hekk f'mewtu[35]: "Nitolbu bil-qalb għar-ruħ tan-negozjant Carm Zammit, president tal-*Banda di San Filippo* ta' Ħaż-Żebbuġ li miet ftit ġranet ilu, mibki minn kulħadd billi kien bniedem ta' qalb ħanina ħafna u li kien jagħmel karità kbira billi kien iħaddem mal-mitejn familja fil-qotnija. Huwa ħalla fit-testment lil uliedu li jkomplu n-negozju biex ma jnaqqsux il-ħobż lil dawn il-ħafna foqra. Veru karità nisranija." Persuni oħra nsibu isimhom imnaqqax fil-lapida tal-Presidenti tal-Għaqda Każin Banda San Filep. Ma tniżżlux hemm b'kapriċċ. Id-diriġenti tal-Għaqda mxew fuq it-tagħrif li sabu, li kien miġmugħ matul iż-żmien ta' għomor l-istess soċjetà. L-istorja stess turik xi kwalità ta' nies kienu dawn.

Kien ikun l-ikbar ġenn tal-prokuraturi tal-festi ta' dak iż-żmien (it-tieni nofs tas-seklu dsatax) li kien jafu li ġo Ħaż-Żebbuġ kellhom 'il-*Banda di San Filippo* u jagħżlu li jagħmlu ftehim ma' individwi bi ħlasijiet tajbin biex dawn jgħaqqdu banda għall-festa ta' San Filep u festi oħrajn minflok ma tieħu sehem l-istess banda mwaqqfa uffiċjalment bħala soċjetà mużikali – il-*Banda di San Filippo!* Is-suċċess ta' din is-soċjetà li fi ħdana kellha l-aħjar elementi mużikali, wasslet lill-poplu biex fl-1860 jagħrafha bħala l-ewwel banda nazzjonali li qatt kien hawn f'Malta. Dan l-istatus ma nlaħaqx mil-lum għal għada, iżda wara għaxar snin ta' ħidma u żvilupp, b'servizzi mużikali f'Ħaż-Żebbuġ u fi bnadi oħra. Il-fatt li l-banda ssaħħet matul dawn l-ewwel għaxar snin jidher ukoll mill-ammonti dejjem jikbru tal-ħlasijiet li kienet tingħata.


Alla Soc. della Banda San Filippo, in segno di rispetto e di stima per il lavoro fatto dai membri della stessa Società durante la raccolta per la Statua Artistica d'Argento di San Filippo.
Sac. Francesco Borg.
3 Aprile 1864

Dan il-ġbir ta' flus għall-istatwa bil-fidda sar bejn l-1860 u l-1864

## Għeluq

Mro. Filippo Galea mgħejjun minn missieru Mro. Angelo għamel pedament sod għal din is-soċjetà mużikali. Huwa għalhekk li wara dan iż-żmien kollu s-soċjetà għadha soda aktar minn qabel u l-memorja ta' Mro. Filippo Galea hi miżmuma fl-għola ġieħ.[36] Tant li l-Għaqda għażlet bi pjaċir li ssemmi għalih il-binja l-ġdida tal-każin tagħha.

Aħna llum ksibna wirt rikk u storiku li jagħmilna ewlenin fil-qasam tal-baned Maltin. Dmirna li nibżgħu għalih u mmexxuh 'il quddiem. Inkomplu nużaw il-wirt bandistiku biex nifirħu u nferrħu liż-Żebbuġin kollha u lil kull min jagħżel li jiġi jifraħ magħna matul il-jiem tal-festa għażiża ta' San Filep.

## Kummenti

- L-Għaqda Każin Banda San Filep kienet fortunata li meta lejn tmiem is-snin ħamsin tas-seklu għoxrin kienet qed tħejji biex tfakkar l-ewwel ċentinarju tagħha (fl-1960), xi saċerdoti, s-Surmast Adeodato Gatt u xi ndividwi oħra ssuġġerew lill-President Dr Joe Borg u lill-kumitat biex imorru jfittxu fil-kotba tal-Knisja Arċipretali għax kien hemm min sab li isem il-Banda San Filippo jissemma aktar kmieni mis-sena 1860.

Ir-riżultati fissru hekk Dr Joe Borg[37]: "Dak li konna nafuh bil-fomm sibnieh miktub f'dokument oriġinali u awtentiku."

- Calcedonio Mallia jikkwota lil missieru Ġakkinu li kien jgħidlu li "Mastru Indri Borg kien mal-Banda San Filippo qabel l-1860".
- Nerġgħu nikkwotaw lil Dr. Joe Borg:

- "Fl-ewwel programm mużikali wara l-ħatra definittiva tiegħu bħala Surmast Direttur fis-sena 1860, Mro. Andrea Borg ħareġ innu bil-galopp li qajjem ir-raħal."
- " Fl-1863 għall-okkażjoni tal-wasla mill-Italja tal-vara tal-fidda tal-patrun tal-parroċċa ħareġ innu tiegħu 'Lil San Filep' li l-banda żanżnitu fl-1864 u damet iddoqqu għal żmien twil."
- "Wara Mro Andrea Borg l-*Banda San Filippo* għaddiet taħt ibnu Mro Giuseppe Borg li fost kompożizzjonijiet oħra tiegħu hemm fl-arkivju tal-Każin Banda San Filep il-'*Marcia San Giuseppe*'.
- Ritratt tal-banda fi żmien Giacchino Galea jixhed l-organizzazzjoni tiegħu ta' banda mimlija.
- "Fl-1890 is-Soċjetà Filarmonika San Filippo sabet l-għajnuna tal-Casino San Filippo".

- Fis-sena 1865 Filippo Xerri reġa' stampa mill-ġdid dan l-innu kif kien kitbu Mro Andrea Borg. Biex inkomplu nimxu mal-istorja, nsibu li fl-1865 filwaqt li l-banda kienet taħt it-tmexxija ta' Mro Andrea Borg, il-ħlasijiet kien jirċevihom Gaetano Attard. Dan għaliex dak iż-żmien soċjetà waħda kien hawn fir-raħal u l-*Banda San Filippo* kellha marbuta magħha fost oħrajn lil Mro Andrea Borg u lil Gaetano Attard.
- Meta fl-1880 inqalgħu l-inċidenti li diġà semmejna, li kieku l-Banda de Rohan kienet teżisti, kieku l-poplu lilha kien isib biex jimbuttawha għal ġol-purċissjoni minflok il-banda tar-Rabat.
- Ir-Rev, Salvatore Ciappara fil-ktieb tiegħu tal-1882 fuq Ħaż-Żebbuġ u l-Parroċċa Tiegħu[38] jgħidilna dwar iż-żewġ baned tar-raħal li issa kellhom żewġ surmastrijiet Żebbuġin ġejjin mill-oriġinal Banda di San Filippo – Mro Giacchino Galea għall-Filarmonica San Filippo u Mro Mikielanġ Debono għall-Filarmonica del Zebbug: "Illum l-alljievi l-antiki saru huma wkoll *maestri* billi qed jgħallmu lil ħaddieħor". Ninnotaw li tkellem fil-plural, '*maestri*'.
- Tqajjem plejtu għax il-*Banda San Filippo* taħt id-direzzjoni ta' Mro Andrea Borg ma tidhirx titħallas għas-servizzi mużikali tagħha permezz ta' Gaetano Attard mingħand il-prokuratur fis-sena 1862. Il-poplu minbarra li kien qiegħed jikkontribwixxi għall-istatwa, offra wkoll sehmu għall-festa. Infatti l-knisja ħallset 150 skud għall-orkestra ta' Nani u ħallset 55 skud lil Michele Balzan għal-logħob tan-nar. Dan kien sena qabel ma tlestiet l-istatwa tal-fidda ta' San Filep u f'dan iż-żmien is-soċjetà tal-*Banda San Filippo* kienet qed tagħmel ħilitha biex jinġabru flus għall-istatwa. Hija xi ħaġa ta' barra minn hawn li bħala parti mill-ħidma tagħha fil-ġbir b'risq l-istatwa, s-soċjetà tasal toffri b'donazzjoni s-servizzi mużikali tagħha? Lanqas xejn. Iżjed u iżjed meta fis-sena 1862 biex ikomplu jkabbru l-festa ta' San Filep, Filippu Bonnici u Frenċ Giordimaina ħarġu minn buthom '*supplimento dei pagamenti della banda militare*'[39]. Il-kumplament tal-ispiża jidher li kienu ġabruha huma. Dawn iż-żewġ persuni nsibuhom attivi ħafna fi ħdan il-*Banda San Filippo* u b'risq il-festa ta' San Filep matul iż-żmien.

- Meta Robert Mifsud Bonnici[40] għamel il-lista tal-baned kif twaqqfu poġġa fir-ras ta' dan l-elenku lill-Banda San Filep, imwaqqfa minn Mro Andrea Borg fis-sena 1860. Ir-riċerka[41] li kien għamel wasslitu jikkonkludi dan. Għalhekk is-soċjetà tal-Banda San Filep ma serqet xejn lil ħadd. Kienet diġà kkunsidrata mill-istudjużi bħala l-ewwel banda formali u meta aktar tard inkixef li l-bidu tagħha kien disa' snin[42] aktar bikri baqgħet l-ewwel, b'dokument awtentiku favur tagħha.
- Fis-sena 1940 mhux bandalora kienet ippreżentata lill-Banda San Filep iżda standard Franċis. Il-bandalora msemmija fil-ktieb tal-festa ta' San Ġużepp tal-2012 għandha ħafna iżjed żmien minn hekk. Għandha ferm aktar x'tirrakkonta milli jobsor il-kittieb tal-artiklu fil-ktieb imsemmi. L-istandard tal-Banda de Rohan għadu s'issa nieqes mill-annu. Fosri jekk jiżdiedlu AD1880 ikun qrib is-sewwa!
- Wara dawn is-snin kollha ta' polemika għadha ma nġabet ebda prova dokumentata li torbot il-bidu tal-Banda de Rohan mal-1860 u ma' Mro. Andrea Borg. Kulma ntqal u nkiteb huma dikjarazzjonijiet ta' min jgħid li jrid jew li jaqbillu.

**Referenzi**


1 Minuti tal-laqgħa tal-kumitat li saret l-Erbgħa 1 ta' Lulju 1959.
2 Corriere Mercantile Maltese, ħarġa tal-15 ta' Frar 1875, p2.
3 Mons Joseph Bezzina, L-Istorja tal-Knisja f'Malta, Publikazzjoni PIN, 2002, p. 186.
4 Risorgimento, Venerdi 14-5-1880, no 1112, p2.
5 Guida Generale, l-ewwel ħarġa, fl-1881.
6 Din is-sistema ta' tmexxija minn żewġ kumitati damet sas-sena 1921.
7 Ġrajja Tal-Każin Banda San Filep AD1851, 2001, p254. Illum din id-dar iġġib l-isem *Francois*.
8 Dr Joseph Borg, president tal-Każin Banda San Filep kien qed jitkellem waqt il-kommemorazzjoni tal-110 snin mit-twaqqif ta' din il-banda fl-1851.
9 Ġakkinu Mallia – klarinett / kwartin, Calcedonio Mallia, Giuseppe Galea, Giovanni Zammit, Michele Debono, Saverio Vella, Gaetano Attard, Paolo Callus, Pasquale Briffa, Angelo Chircop u Paolo Sciortino, kollha klarinetti, Filippo Galea – flawt, Gaudenzio Vassallo – Kurnu, Damiano Mallia, Giuseppe Farrugia u Mattia Attard it-tlieta baxxi, Paolo Azzopardi, Paolo u Antonio Vassallo it-tlieta trumbuni; Giuseppe Bonnici – ewfonju; Giuseppe Attard u Raimondo Galea t-tnejn saxchorn; Teodoro Debono, Gaudenzio Attard u Andrea Zammit – kurunetti; Salvatore Abela – katuba.
10 Corriere Mercantile Maltese, 23 Aprile 1889, p. 2.
11 Dan deher f'"Il-Ħabbar" tal-Erbgħa 28 ta' Mejju 1890.
12 Dan jipprova li M.A. Debono kien għadu mal-*Banda di San Filippo*.
13 Reġistri tal-Parroċċa ta' San Filep u "Il-Ħabbar" tal-Erbgħa 28 ta' Mejju 1890
14 Ħlasijiet li jidhru fil-kotba tal-Parroċċa ta' San Filep, imsejjħa "Lampade".
15 Id-Dawl, 15 ta' Marzu 1888, p. 1; Portofolio Maltese, Giovedi 15 Marzo 1888, p. 1.
16 Santa Katerina, il-Festa u s-Soċjetà Mużikali Tagħha fiż-Żurrieq, f'paġna 156 hemm din in-nota: "Fl-1890 Dun Pawl Saydon ħallas £2.50s lill-kaxxier Gaudenzio Agius għall-banda li nġabet dik is-sena nhar il-festa li kienet tal-Casino Indipendente San Filippo del Zebbug."
17 Festa tal-Kunċizzjoni f'Bormla, 1998. F'din il-pubblikazzjoni nkiteb li dakinhar marru iżjed nies mis-soltu għall-festa għax daqqew iż-żewġ baned ta' Ħaż-Żebbuġ.
18 Dun Salv Caruana, Il-Palk Skorfina, ħarġa speċjali, 12th May Band & Social Club, 31 ta' Mejju 1997.
19 Dun Salv Caruana,Il-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ – Ġabra ta' Kitbiet, 2010, p188.
20 - F'dawn is-snin jidher Angelo Chircop jitħallas f'isem il-Filarmonica San Filippo fil-festa ta' San Filep;
- Il-Ħabbar tad-29 ta' Mejju 1891, nru 302, p3 f'ittra bit-titlu 'Il-Festa Kbira taż-Żebbuġin' iffirmata 'Is-Soċju B.A.B.' tgħid hekk fost affarijiet oħra: "erba' baned kienu jsemmgħu l-ogħla daqq - fosthom insemmu il-Filarmonica San Filippo – banda imgħaqqda mill-aħjar ġuvintur li kkoperaw ruħhom kemm felħu sabiex din il-festa tirnexxi mill-aħjar".
21 Kien intagħżel it-tfajjel abbati Filippu Azzopardi biex itella' l-polza, li seħħet fuq il-bankina ħdejn Cilia tax-Xemgħa, fi Triq il-Parroċċa, skont kif irrakkonta l-istess Filippu li baqa' magħruf bħala Pinu ta' Xandru.
22 Il-Verità, 19 ta' Mejju 1894, p2.

[23] Malta Tagħna, 2 ta' Ġunju 1894, p13.
[24] Il-Ħabbar, 28 ta' Mejju 1890.
[25] Malta Tagħna, 18 ta' Mejju 1895, p3
[26] Alfred Delmar, Is-Soċjetà Każin San Ġużepp u Banda De Rohan, 2012.
[27] Mill-1883 sal-1917 Maestro di Cappella tal-Knisja Arċipretali ta' San Filep kien Riccardo Bugeja. Warajh kien hemm Giuseppe Caruana sal-1928 u mbagħad Carlo Diacono sal-1942.
[28] Robert Mifsud Bonnici, Mużiċisti Kompozituri – Bugeja Rikardu, pp34-36.
[29] Ibid.
[30] Maestri di Cappella ta' Ħaż-Żebbuġ mill-1884 sal-1930 kif jidhru fir-reġistri tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ.
[31] Esito Straordinario, 1851, Registro Carità.
[32] L-Istorja tal-Każini tal-Banda f'Malta u Għawdex, artiklu ta' Carmel Cascun.
[33] Dun Salv Caruana, Il-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ – Ġabra ta' Kitbiet, 2010, p. 188.
[34] Fl-1952 lil Carmelo Mifsud.
[35] In-Naħla Maltija tal-4 ta' Novembru 1911, p1306.
[36] Ġakkinu Mallia jsemmi lil Filippo Galea fil-lista ta' bandisti tal-Banda San Filippo.
[37] Dr Joe Borg, f'diskors li għamel fil-festi anniversarji ta' għeluq il-110 snin mit-twaqqif tal-Banda San Filep, fil-11 ta' Mejju 1961.
[38] Salv Ciappara, Storia Del Zebbug E Sua Parrocchia, 1882, p94
[39] Ammont ta' £4-8s-0d.
[40] Robert Mifsud Bonnici, Il-Baned Maltin, manuskritt mhux ippubblikat, li jissemma fil-korrispondenza fuq dan is-suġġett, fil-ġurnal "Il-Berqa" matul l-1959.
[41] Din ir-riċerka ma kienetx tinkludi r-reġistri tal-Parroċċa ta' San Filep.
[42] Jiġifieri fis-sena AD1851 minflok AD1860.

JOE GATT
JOE'S GARAGE
PANEL BEATER
Triq 12 ta' Mejju, Żebbuġ
Tel: 2146 5077 / 9949 9734